MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 384/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Curmi)**
**Vs**
**Theodosius sive Dennis Baldacchino**
**Andrea Baldacchino**
**Raymond Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Dicembru 2008 u fis-snin immedjatament precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, appropraw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu ili jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallsux lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta'

€56,992.20 ai termini ta' l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, w wara li qieset li l-appellati hallsu dak kollu dovut, il-fedina penali taghhom u l-ammissjoni bikrija, sabet lill-appellati hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u kkundannathom ghal piena ta' sena prigunerija kull wiehed minnhom u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ordnat li tali piena ma ssehhx hlief jekk l-appellati jikkommettu reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata, ssib lill-appellati kollha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena kontra taghhom kollha skond il-Ligi jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellati kollha hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom, tikkonfermaha f'dik il-parti koncernanti l-piena fir-rigward tal-appellati kollha hlief ghal Theodosius sive Dennis Baldacchino, filwaqt li thassar dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta fil-konfront ta' Theodosius sive Dennis Baldacchino w minflok teroga kontra tieghu l-piena skond il-Ligi, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti tas-sentenza fejn l-appellati nstabu hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom filwaqt li thassar dik il-parti tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellati kollha limitatament fil-parti li ghandha x'taqsam mal-piena nflitta kontrihom u minflok tghaddi biex timponi l-piena idoneja kontra l-appellati kollha skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-

1. illi s-sentenza appellata hija kolpita minn nuqqas legali w procedurali serju li jirrendiha nulla w bla effetta;
2. illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellat Theodosius sive Dennis Baldacchino gie kkundannat;
3. illi l-piena nflitta f'dan il-kaz fuq l-appellati, fid-dawl tal-gravita' tar-reat addebitat lilhom kienet piena miti wisq.

Rat ir-Risposta tal-appellati tas-26 ta' Novembru, 2009;

Semghet lil Paul Scicluna in rapprezentanza tal-VAT Department fl-udjenza tal-lum li xehed li dwar din il-kawza thallas kollox pero' li minn Marzu 2009 sal-lum is-socjeta' Maghtab Construction Co. Ltd ma batietx id-denunzji relattivi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali ma hemmx dubju li s-sentenza appellata hija monka ghax l-Ewwel Qorti ma indikatx il-periodu operattiv tas-sentenza sospiza kif suppost ghamlet. Dan pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ghandux iwassal biex is-sentenza tigi annullata ghaliex tali difett jista' jigi sanat b' semplici varjazzjoni tal-istess sentenza fejn jigi korrett dan l-izball bl-impozizzjoni ta' terminu tal-periodu operattiv tas-sentenza sospiza, fejn ikun il-kaz.

Illi dwar it-tieni aggravju, l-Avukat Generali ukoll ghandu ragun meta jghid li fil-kaz tal-appellat Theodosius sive Dennis Baldacchino ma setghetx tigi applikata sentenza sospiza ghax mill-fedina penali jirrizulta li l-appellat hu recidiv b' sentenza tad-29 ta' Jannar, 2004. Kjarament il-periodu li fih sehh ir-reat in dizamina w cioe' *"f' Dicembru, 2008 u fis-snin immedjetament precedenti"* kien jaqa' entro l-periodu ta' hames snin applikabbli ghar-recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li mhux

maghruf meta thallset il-multa imposta b' dik is-sentenza ma hu ta' ebda vantagg ghall-appellat in kwistjoni ghax jekk stess thallset tard jew addirittura ghadha ma thallsitx dan kull ma jaghmel hu li jirrimanda l-periodu ta' hames snin ghal aktar tard u ghalhekk l-appellat xorta wahda jibqa' jkun recidiv.

Illi l-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Josef Abela "** [17.9.2008]. L-appellati fir-Risposta taghhom ma jaqblux ma dak li kien gie hemm deciz u jissottomettu li l-fedina penali ma hix il-prova tar-recidiva ghax dan hu dokument informali.

Ikkonsidrat;

Issa hu minnu illi l-artikolu 28A (7) (b) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

*"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandux isir f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-*

***(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50"***

Bhal fil-kaz ta' **Abela** citat mill-Prosekuzzjoni, f' dan il-kaz ukoll ma kienetx giet addebitata lill-appellat Theodosius Baldacchino r-recidiva fl-akkuza bic-citazzjoni w lanqas ma jirrizulta mill-verbali tal-process li f' xi stadju giet kontesta lilu, anki f' xi trattazzjoni orali, r-recidiva. Lanqas ma jidher li gie verbalizzat li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti li fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti tqis lill-appellat bhala recidiv. Ghalhekk tqum il-kwistjoni jekk f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellhiex *marte propria*, teskludi l-applikazzjoni tal-art. 28A minhabba l-fatt li l-appellat kien recidiv.

Din il-Qorti kienet ghamlet riferenza ghall-awturi Taljani w senjatament ghall-MANZINI w il-BORGHESE.

Il-**MANZINI** (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :

*"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l-obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando la recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata*." (sottolinear ta' din il-Qorti)

*"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse applicato l-aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"*

Il-**BORGHESE** - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li :

*"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna. (Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234)*

u jkompli jghid :

*"…Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali …."*

Din il-Qorti kienet irriteniet li s-soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat, din tkun riedet giet kontestata lill-akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f' xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il-htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont

tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal-piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzioni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.

Ikkonsidrat;

Illi mill-process (fols. 3 u 4) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal-appellat Theodosius Baldacchino proprju mac-citazzjoni. Issa  minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reat ammess minnu f’ din il-kawza kien  gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' delitt relatat mal-ligijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-20 ta’ Jannar, 2004, kif fuq inghid.

Ghalhekk f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta’ **Abela**, meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il-korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.

Din il-Qorti thoss li ghandha terga’ temfasizza illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza lill-appellat Theodosius Baldacchino.

Konsegwentement l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu ben fondat u qed jigi akkolt.

Illi pero' ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza, ma kienetx prekluza milli tapplika xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti, ma tistax tinjora l-verbal registrat quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 10 tal-process) fejn intqal:-

***"Deher Paul Scicluna ghad-Dipartiment tal-VAT li nforma lil Qorti illi l-imputati hallsu kollox u cioe' s-somma ta' 56,922.20 Euro qabel il-bidu ta' din il-kawza u ghalhekk id-Dipartiment m' ghandux iktar interess f'din il-kawza."***

Ghalhekk tara li jkun aktar opportun li fic-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz, ghandha tpoggi lill-appellat Theodosius Baldacchino taht *probation* bil-kondizzjonijiet kollha li jinsabu kontenuti fil-*probation order* hawn anness, liema kondizzjonijiet jekk jinkisru jew ma jigux osservati skrupolozament minnu jkunu jistghu jwasslu biex din il-Qorti mbaghad tittratta mieghu skond il-ligi ghar-reat minnu ammess w li tieghu nstab hati.

Illi dwar l-ahhar aggravju tal-appellant Avukat Generali, din Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tvarja l-provvediment tas-sentenza sospiza erogat liz-zewg appellati l-ohra Andrea Baldacchino u Raymond Sciberras. A skans ta' ripetizzjoni inutili din il-Qorti taghmel ampja riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza: **"Il-Pulizija vs. Maurice Agius"** [13.11.2009], li ghaliha ghamlu riferenza l-appellati fir-Risposta taghhom fejn ukoll kien hemm reati li skaturew mill-evazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, u fejn din il-Qorti iddelinejat il-kriterji li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati fl-uzu tal-provvediment tas-sentenza sospiza w fejn applikat tali provvediment f' kazijiet gravi jekk mhux ukoll izjed gravi minn dak in dizamina.

Umbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament, fejn il-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ma tkunx ittrattat dwar il-piena w insistiet ghall-applikazzjoni ta' xi

pieni partikolari jew ghal xi doza partikolari ta' piena w minflok tkun halliet kollox f' idejn u fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ma jkunx mistenni li mbaghad tappella biss fuq il-piena, meta din tkun fil-parametri tal-ligi. F' dan il-kaz mill-*prime note* ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni kienet insistiet ghall-piena karcerarja effettiva. Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tvarja l-provvediment tas-sentenza ta' prigunerija sospiza erogat fil-konfront tal-appellati Andrea Baldacchino u Raymond Sciberras, hlief billi tindika l-periodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat Theodosius Baldacchino ghall-sena prigunerija sospiza w minnflok, wara li rat l-art. 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin u bil-kondizzjonijiet kollha imposti fl-imsemmi ordni w senjatament dik tal-hlas ta' kull ammont li jista' jkun dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud puntwalment u tempestivament f' kull zmien entro t-tlitt snin li gejjin inkluz kull ammont dovut fil-prezent kif ukoll li puntwalment jipprezenta kull denunzja li hu obbligat jaghmel skond il-ligi (w ghal dan l-oggett qeghda tawtorizza lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jzomm lill-Probation Officer koncernat informat regolarment b' kull pendenza ta' taxxa jew irregolarita' ohra li ghaliha jkun responsabbli l-istess Theodosius sive Dennis Baldaccino tul il-periodu ta' tlitt snin mill-lum) u tvarja ukoll is-sentenza fejn ikkundannat liz-zewg appellati l-ohra Andrea Baldacchino w Raymond Sciberras *"ghall-piena ta' sena prigunerija kull wiehed minnhom u fejn ordnat li tali piena ma ssehhx hlief jekk l-imputati jikkommettu reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija"* billi ma dan izzid il-kliem : "***fi zmien tlitt snin mill-lum"*** w tikkonfermaha fil-kumplament taghha fejn iddikajrat u sabet htija fl-imputati appellati skond l-akkuza migjuba kontrihom u minnhom ammessi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellati.

Joseph G. Galea Debono
Imhallef
7.01.2010.

**QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. JOSEPH GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**ORDNI TA' PROBATION**
**(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)**

**IL-QORTI**

Billi Theodosius sive Dennis Baldacchino hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjah "il-hati", gie llum misjub hati tar-reat kontinwat ta' appropriazzjoni indebita

U billi l-Qorti jidhrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reati u l-kondotta tal-hati, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta' Probation.

U billi fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **<u>tlitt snin</u>**, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta' din il-Qorti.

Ghalhekk tordna li Theodosius sive Dennis Baldacchino iben Emmanuel, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju, 1963 residenti Casa Baldacchino , Triq ir-Ramla, Maghtab, limiti tan-Naxxar w detentur tal-Karta tal-Identita' numru 396663(M) ikun ghal perjodu ta' **<u>tlitt snin</u>**, mid-data ta' din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**<u>Direttur tas-Servizzi tal-</u>**

**Probation**, u tordna wkoll li l-hati, ghall-perjodu fuq imsemmi, ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li huwa ghandu jgharraf minnufih lill-ufficjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu;
2. li huwa ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi li jinghataw, minn zmien ghall-iehor, mill-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjara tal-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar tieghu;
3. li tul il-periodu ta' tlitt snin mill-lum ihallas puntwalment kull ammont minnu dovut personalment jew fil-kapacita' tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta' Maghtab Construction Co. Limited (inkluzi pagamenti gja issa pendenti), u li jipprezenta kull denunzja puntwalment kif obbligat li jaghmel skond il-ligi. Ghar-rigward ta' denunzji pendenti dawn iridu jigu prezentati sal-31 ta' Jannar, 2010.
4. li ma jikkommettix reat iehor tul il-periodu ta' tlitt (3) snin mil-lum.
5. L-ufficjal tal-Probation ghandu minnufieh igib a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-inqas ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet b' Nota malli jsir jaf bihom u jrid izomm kuntatt kontinwu mad-Dipartiment tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud biex jinzamm infurmat dwar xi pendenzi li Theodosius sive Dennis Baldacchino jkollu mal-istess Dipartiment biex umbaghad ikun jista' minnufieh jirraporta lil din il-Qorti.
6. Ghall-iskop biex titwettaq il-kondizzjoni numru 5, Il-Qorti qeghda tawtorizza lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jzomm lill-Probation Officer koncernat informat regolarment b' kull pendenza ta' taxxa jew irregolarita' ohra li ghaliha jkun responsabbli l-istess Theodosius sive Dennis Baldaccino tul il-periodu ta' tlitt snin mill-lum

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------